MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 23 ta' Ottubru, 2002

Numru. 441/2001

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
VINCENT ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Vincent Abela ta' 54 sena, iben Joseph u Therese nee Vella imwieled fis-7 ta' Dicembru 1946 Tarxien, u joqghod 33 Alley 2, Misrah Repubblika, Tarxien detentur tal-karta tal-identita 1034346M talli nhar l-24 ta' Gunju 2001, u fi zminijiet ta' qabel, gewwa Marsaxlokk, u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer b'diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmlua b'risoluzzjoni wahda.

Talli xjentement qeighed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq

u cioe diversi hwejjeg bil-marka Lotto, Diesel, Reebok, Puma, Nike u Adidas, u dan bi ksur tal-Artikolu 298(1)(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-23 t'Ottubru 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 298(1)(f) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. In oltre tikkundannah ihallas multa ta' Lm500 li ghandha tithallas f'erba pagamenti ta' Lm125 il-wiehed kull pagament jithallas kull tlett xhur u tordna il-konfiska tal-oggetti sekwestrati u esebiti fl-atti.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.